# DEĊIŻJONIJIET
## TAL-
# QRATI SUPERJURI TA' MALTA

---

## L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL

---

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

---

15 ta' Jannar, 1951.

**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Avv. Dr. Antonio Caruana *versus* Caterina Gerada et.

**Retratt — Jekk ir-Retrattarju Għandux Interess Ikompli Kawża li Tirrigwarda l-Fond Irkuprat Kontra Tiegħu — Soprasessjoni.**

*Ir-retrattarju jibqa' s-sid tal-fond irkuprat kontra tiegħu sakemm ma jkunx għamel ir-rivendizzjoni tal-fond, tant di fronti għar-retraent kemm quddiem it-terzi; u dan avvolja l-eżerċizzju tar-retratt li sar kontra tiegħu jkun ġie dikjarat validu b'sentenza. Għaldaqstant, jekk ir-retrattarju jkun qiegħed jaġixxi biex jasserixxi xi dritt li jirrigwarda l-fond irkuprat, huwa ma jistax jingħad li ma għandux interess ikompli dik l-azzjoni mħabba d-dikjarazzjoni tal-validità ta' l-irkupru, sakemm huwa jkun għad għandu xi drittijiet x'jakkampa biex jeħles minn dik ir-rivendizzjoni.*

*F'dan il-każ ikun hemm lok għas-soprasessjoni dwar id-domanda għall-kundanna tar-ricendizzjoni sakemm jispiċċa l-ġudizzju li bih dak ir-retrattarju jippretendi li jista' jasal biex jeħles mill-kundanna għar-ricendizzjoni.*

Il-Qorti, — Rat id-deċiżjoni minnha mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1949, fejn j'nsabu miġburin id-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Ġunju 1948, bil-motivi li fuqhom tinsab bażata, u li biha ġew respinti l-erba' eċċezzjonijiet ta' null'tà miġjubin 'il quddiem kontra l-imsemmija sentenza ta' l-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż kontra l-appellant; u ġie ordnat li l-kawża tikompla fil-meritu;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' April 1950, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni tas-S.T.O. il-President ta' din il-Qorti u ta' membru ieħor komponenti din il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-imsemmi Dottor Antonio Caruana;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija fis-26 ta' Ġunju 1950, li biha l-appell ġie respint, u s-sentenza appellata ġiet konfermata in kwantu ċaħdet il-ewwel domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant, u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni ulterjuri u d-definizzjoni tad-domanda l-oħra miġjuba fiċ-ċitazzjoni;

Rat id-deċiżjoni mogħtija fuq ir-rikors preżentat mill-appellant fis-17 ta' Ottubru 1950;

Rat il-kapitoli ta' l-appellant għas-subizzjoni ta' l-appellat Onorato Gerada, u rat ir-risposti ta' dan għal dawk il-kapitoli;

Rat nota ulterjuri ta' eċċezzjoni, preżentata mill-appellati fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 1950, li kwantu għat-tieni domanda opponew li fl-attur tonqos l-karenza ta' interess u ta' azzjoni, peress illi huwa mhux proprjetarju, la darba r-retratt eżerċitat minn Caterina Gerada ġie dikjarat validu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bit-tieni domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni l-appellant talab li l-konvenuti appellati jiġu inibiti milli jagħmlu użu

ta' l-isqaq fl-istess ċitazzjoni msemmi, li għandu bieb numru 70 Strada Sant'Angelo, iż-Żejtun, biex jgħaddu għal jew mill-fond urban nru. 44 Piazza Maggiore, iż-Żejtun. Din il-pretensjoni ġiet mill-appellant miġjuba 'l quddiem fuq l-allegazzjoni li huwa proprjetarju tad-dar nru. 72 Strada Sant Angelo, iż-Żejtun, u li minn dak l-isqaq jistgħu jagħmlu użu biss dik id-dar u d-dar l-oħra tal-konvenuta Caterina Gerada li ġġib in-numri 68 u 69 fl-istess triq;

Irriżulta mill-atti ta' din il-kawża u minn dawk tal-kawża l-oħra fl-ismijiet maqluba, li tinsab "sine die" quddiem din il-Qorti, illi fis-subasta miżmuma taħt l-awtorità tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-13 ta' Settembru 1941, ġiet liberata favur l-appellant "animo compensanti" l-kwota ta' erbgħa minn ħdax (4/11) ta' l-imsemmija dar nru. 71 Triq Sant'Angelo, iż-Żejtun. B'ċedola tat-30 ta' Jannar 1942, l-appellata Caterina Gerada eżerċitat id-dritt ta' l-irkupru relativament għall-imsemmija kwota akkwistata mill-appellant. Dak l-irkupru ġie eżerċitat minħabba t-titolu tal-viċinanza jew għal kwalunkwe titolu ieħor validu fil-liġi. Billi l-appellant ma għamelx ir-rivendizzjoni, l-appellata Caterina Gerada ppreżentat kontra tiegħu ċitazzjoni (nru. 101 ta' l-1944), fejn talbet li jiġi dikjarat validu l-irkupru minnha eżerċitat bis-saħħa............ Fuq dik it-talba kontra tiegħu avanzata, Dottor Caruana oppona li t-titolu ta' viċinanza pretiż mir-retraenti ma kienx jeżisti; u li kwantu għall-konsorzju, kemm il-darba jirriżulta, *mhux biżżejjed* biex jipprivaha lilu mill-fond, għaliex hu, bħala komproprjetarju fid-dar, għandu dritt tar-ritenzjoni. B'sentenza ta' din il-Qorti *tat-3 ta' Ġunju* 1946, ġie dikjarat u *deċiż* li l-imsemmija Caterina Gerada eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha tal-viċinanza; salva, *'n riferenza* għat-tieni talba, l-eċċezzjoni mogħtija mir-retrattarju Dottor Caruana illi huwa anki konsorti fid-dar irkuprata bħala eredi ta' Maria Teresa Caruana skond l-asserzjoni tiegħu; u l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk il-pretensjoni ta' l-appellanti hija li huwa s-sid tad-dar kollha nru. 71 Triq Sant'Angelo, iż-Żejtun, billi 4/11 minnha ġew favur tiegħu liberati fis-subasta fuq

imsemmija, u l-kumplament ippervjena lilu bħala eredi leġittimu ta' Maria Teresa armla ta' Angelo Caruana. Minħabba din l-aħħar pretensjoni relativament għas-sebgħa minn ħdax (7/11) ta' l-imsemmija dar, din il-Qorti, bis-sentenza fuq ċitata tat-3 ta' *Ġunju 1946, ma għaddietx* 'il quddiem fuq id-domandi l-oħra miġjubin fiċ-ċitazzjoni, u ddikjarat biss validu r-retratt eżerċitat minn Caterina Gerada bit-titolu talviċinanza, mingħajr preġudizzju, in riferenza għat-tieni talba (i.e. għall-kundanna għar-rivendizzjoni), ta' l-imsemmija eċċezzjoni opposta mir-retrattarju Dottor Caruana. Din il-Qorti, għalhekk, riedet li qabel *tgħaddi biex tiddeċidi d-domanda* għall-kundanna tar-retrattarju biex jagħmel ir-rivendizzjoni, teżamina u taqta' l-imsemmija eċċezzjoni, billi middeċiżjoni tagħha jiddependi għandhiex tiġi milqugħa jew le dik id-domanda għar-rivendizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, u anki *minħabba li sakemm* isir r-rivendizzjoni r-retrattarju jibqa' s-sid tal-fond irkuprat, tant di fronti għar-retraent kemm għat-terzi (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' April 1931, in re "Caruana vs. Farrugia", Vol. XXII, parti I, pag. 268), ma jistax jingħad, kif isostnu l-appellati Gerada, li l-appellant ma għadx *għandu interess biex ikompli jsostni t-tieni domanda* miġjuba bil-preżenti ċitazzjoni, billi bl-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946 ġie dikjarat u deċiż li Caterina Gerada eżerċitat tajjeb l-irkupru bit-titolu tal-viċinanza. B'dik id-domanda l-appellant talab li l-appellati jiġu inibiti li jagħmlu użu mill-isqaq fiċ-ċitazzjoni msemmi biex jgħaddu għal jew *mil-fond tagħhom nru.* 44 *Piazza Maggiore, iż-Żejtun*; u l-interess ta' l-appellant f'din id-domanda huwa marbut maddritt li isid 'il-dar nru. 71 Triq Sant'Angelo, iż-Żejtun, għandu fuq dak l-isqaq. Għalhekk dak l-interess jibqa' jissussisti sakemm jiġi definit jekk l-appellant għandux il-proprjetà talfond kollu nru. 71, Triq Sant'Angelo, iż-Żejtun, u tiġi hekk riżoluta l-analoga eċċezzjoni ta' l-appellant fil-kawża l-oħra fl-ismijiet maqluba, li qiegħda "sine die" quddiem din il-Qorti. Jekk dik l-eċċezzjoni ma tiġix milqugħa, u jekk konsegwentement l-appellant jiġi kundannat jirrivendi l-porzjonijiet favur tiegħu liberati fis-subasta fuq imsemmija, jispiċ-

ċa l-interess tiegħu għat-tieni domanda miġjuba fiċ-ċitazzjoni preżenti, kif jispiċċaw id-drittijiet tiegħu fuq l-imsemmi fond nru. 71, Triq Sant'Angelo, iż-Żejtun;

Fil-ħsieb tal-Qorti, għalhekk, huwa spedjenti li t-trattazzjoni ulterjuri ta' dina l-kawża, u d-definizzjoni tat-tieni domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni, tiġi posposta għal wara li tiġi definita l-imsemmija eċċezzjoni u d-domanda l-oħra fil-kawża fl-ismijiet maqlubin, pendenti quddiem din il-Qorti u mqiegħda "sine die";

Għaldaqshekk;

Tissoprassjedi f'din il-kawża għad-definizzjoni tat-tieni domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni sakemm tiġi maqtugħa l-eċċezzjoni msemmija fis-sentenza tat-3 ta' Ġunju 1946, mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet maqlubin li għadha pendenti, u li ġiet rappuntata għal-lum quddiem din il-Qorti, u sakemm jiġu definiti d-domandi kollha f'dik l-istess kawża dedotti. Spejjeż riżervati għas-sentenza finali.